31970R2163

L 238/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 29.10.1970

**IR-REGOLAMENT (KEFA, KEE, EURATOM) Nru 2163/70 TAL-KUNSILL**
**tas-27 ta' Ottubru ta' l-1970**
**li jemenda r-Regolament Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom li jistabbilixxi l-pagi tal-President u membri tal-Kummissjoni, u tal-President, Imħallfin, Avukati-Ġenerali u Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu;

billi huwa l-Kunsill li jiddetermina s-salarji, konċessjonijiet u pensjonijiet tal-President u membri tal-Kummissjoni, u tal-President u membri tal-Kummissjoni, u tal-President, Imħallfin, Avukati-Ġenerali u Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, flimkien ma' kwalunkwe ħlas li għandu jkun magħmul minnflok il-ħlas:

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Is-segwenti għandu jkun sostitwiet għal-lista fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom ([1]) tal-25 ta' Lulju ta' l-1967:

| | |
|---|---|
| 60 év | 0,70 |
| 61 év | 0,75 |
| 62 év | 0,80 |
| 63 év | 0,87 |
| 64 év | 0,95 |

*Artikolu 2*

Is-segwenti għandu jkun sostitwiet mas-subparagrafu (b) ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom:

"(b) ħlas ta' spejjeż ta' vjaġġar imneffqa minn membru tal-Kummissjoni jew tal-Qorti għalih jew għall-membri tal-familja tiegħu, u ħlas għall-ispejjeż tat-tneħħija ta' l-effetti personali u għamara, inkluż assigurazzjoni kontra riskji ordinarji (serq, ksur, nar)."

*Artikolu 3*

1. Fl-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom, 60 % għandu jkun sostitwit għal 50 %.

2. Il-paragrafu segwenti għandu jkun miżjud ma' l-Artikolu 9 ta' dak ir-Regolament:

"Meta l-persuna konċeranta għamlet dmirijiet varji lill-Kummissjoni jew il-Qorti tal-Ġustizzja, il-paga fuq liema l-pensjoni għandha tkun kalkulata mall-proporzjoni ta' ħin mqatta' mill-persuna konċernata f'kull wieħed minn dawk id-dmirijiet varji. Dan il-paragrafu ma għandux japplika lill-membri tal-Kummissjoni jew tal-Qorti li huma fil-kariga fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew li jieqfu milli jkollhom kariga qabel dik id-data, jekk jitolbu hekk."

*Artikolu 4*

Fl-Artikolu 10(a) tar-Regolament Nr 422/67/KEE, 5/67/Euratom, 30 % għandu jkun sostitwit għal 25 %. Ifl-Artikolu 10(b), 60 % u 30 % għandhom ikunu sostitwiti għal 50 % u 25 % rispettivament.

*Artikolu 5*

Il-paragrafu segwenti għandu jkun miżjud ma' l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom:

"Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għal membri ta' qabel tal-Kummissjoni jew tal-Qorti li jibbenefikaw jew mill-iskema tal-pensjoni provduta għalihom fl-Artikolu 8 jew taħt l-konċessjoni ta' transazzjoni provdut għalih taħt l-Artikolu 7. Dan il-paragrafu m'għandux, Iżda, jkun applikat sabiex ikopri riskji li huma diġa' koperti bi skema oħra ta' sigurta' soċjali u taħt liema l-membru ta' qabel tal-Kummissjoni jew tal-qorti jista' jibbenefika."

([1]) ĠU No 187, tat-8.8.1967, p. 1.

*Artikolu 6*

Fl-ewwel inċiż tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 422/67/KEE, 5/67/Euratom, 60 % għandu jkun sostitwieta għal 50 %.

*Artikolu 7*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru ta' l-1970.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju ta' l-1970.

Dan ir-regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Lussemburgu, is-27 ta' Ottubru ta' l-1970.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

W. SCHEEL